# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru 2869

**Kaz Nru. 3804 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Martha Vassallo (ID 539791(M))**

**Vs**

**Health Services Group Limited (C-16298)**

**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta – Constructive dismissal).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Martha Vassallo li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-12 ta' Novembru, 2019. Matul is-simgh tal-kaz ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Andrew Grima u ghas-socjeta appellata dehret Ms Raisa Rizzo li kienet assistita mill-Avv. Erika Taliana u mill-Avv. Christine Calleja.**

**Fl'istaqrrija tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet ilha mpjegata mas-socjeta ntimata fuq bazi ta' kuntratt indefinit mit-30 ta' Gunju, 2016. Hija tghid ukoll, li kemm damet fl'impjieg dejjem qdiet dmirha tajjeb u dejjem segwiet l-istruzzjonijiet li kienu jinghatawlha mis-superjuri taghha.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li mhux talli qdiet dmirha bl'akbar serjeta, izda wkoll ghal zmien twil kopriet irwoli differenti sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' haddiema fi hdan is-sezzjoni taghha u b'rizultat ta' dan fl'4 ta' Settembru, 2018 hija giet moghtija il-grad ta' Snr Health supervisor.**

**Hija tghid ukoll, li matul l-impjieg taghha qatt ma rceviet xi twiddiba jew giet iffaccjatha bi proceduri dixxiplinarji, anzi kienet giet fdatha li tkopri diversi rwoli mas-socjeta ntimata.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li fl-ahhar sena tal-impjieg taghha sabet diffikultajiet sabiex tahdem minghajr xkiel u b'mod seren. Hija tghid ukoll li kien jidher car, li l-management xtaq idahhal in-nies tal-fiducja tieghu u s-superjuri taghha hadu vantagg mis-sitwazzjoni u cirkostanzi li kellha sabiex jghabbieha bix-xoghol li ma setghetx twettaq bil-konsegwenza li kellha impatt negattiv fuq is-sahha taghha.**

**Hija tghid ukoll, wara li kienet giet rikoverata l-isptar, meta harget u rritornat lura ghax-xoghol, hija giet iffaccjatha b'diversi akkuzi ta'**

**negligenza mill-management u minghajr process ta' dixxiplina, il-management iddecieda li jnizzielha mill-grad ta' Snr Health Supervisor ghal grad ta' Health Supervisor bil-konsegwenza li d-dhul finanzjarju taghha naqas.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li hija ma felhietx dan it-trattament tal-management u kien ghalhekk irrezenjat mill-impjieg nhar 2 ta' Settembru, 2019.**

**Hija tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn titlob lill-Onorabbli Tribunal Industrijali, sabiex jiddikjara li minhabba t-trattament hazin li rceviet mill-management giet sfurzata li tirrezenja mill-impjieg.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rizenja tar-rikorrenti mill-impjieg taghha kien wiehed maghmul minn jeddha u bl'ebda mod ma jista jigi attribwit ghal xi agir skorrett da parti tas-socjeta ntimata u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu michuda.**

**Is-socjeta tkompli tghid, illi r-rikorrenti bdiet fl-impjieg bhala Care Worker u f'Awissu, 2015 kienet giet promossa ghar-rowl ta' Roster Coordinator. Is-socjeta tghid ukoll li f'Settembru, 2018 ir-rikorrenti assumiet xoghol addizzjonali u anke kienet ikkumpensata f'forma ta' allowances addizzjonali.**

**Is-socjeta tghid ukoll li f'Marzu, 2019 il-management iddecieda li d-dipartiment fejn kienet tahdem ir-rikorrenti jghaqdu ma dipartiment**

**iehor u giet ngaggata persuna ohra li kellha titrawwem mir-rikorrenti biex ix-xoghol jinqasam bejniethom u b'hekk tkun aktar facli li bniedem jiehu gurnata ta' mistrieh minghajr ebda problema.**

**Is-socjeta tkompli tghid li minkejja dan, ir-rikorrenti haditha bi kbira illi nghatat din l-ghajnuna u anke lmentat ma' ufficcjali tal-kumpanija illi dan kien sar mhux biex hi tinghata l-ghajnuna, imma biex johdulha postha u hija wkoll bdiet tistaqsi x'kien se jsir minnha.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li din ir-riorganizazzjoni ma hadmitx u gie deciz mill-management li d-dipartimenti jergghu jinqasmu u r-rikorrenti terga tigi moghtija x-xoghol li kellha qabel.**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll li f'Gunju, 2019 ir-rikorrenti ghamlet zmien indisposta u ghalhekk il-management iddecieda li tigi assenjata persuna ohra biex jitmexxa d-Dipartiment.**

**Is-socjeta tkompli tghid, wara li giet assenjata persuna ohra irrizulta li r-rikorrenti ma kienitx qed twettaq id-dmirijiet taghha tajjeb u kien hemm traskuragni kbira fl-operat taghha. Is-socjeta tghid ukoll, li dawn in-nuqqasijiet suppost li kienu gew rizolti mir-rikorrenti ghax kienet giet migbudha l-attenzjoni taghha.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li fost in-nuqqasijiet kien hemm u dawn kienu responsabilita tar-rikorrenti li kien hemm haddiema li kienu bil-leave u ma kienux immarkati fuq ir-roster bil-konsegwenza li ma rrapurtawx**

**ghax-xoghol u l-entita li kellhom jahdmu fiha baqaw minghajr replacement.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li kien hemm formoli tal-leave mhux mghoddija lid-Dipartiment tal-pagi bil-konsegwenza li l-haddiema nvoluti ma thallsux fil-hin, kien hemm ukoll bdil fir-roster u ma kienux jigu kommunikati lid-Dipartiment tal-pagi u kien hemm allokazzjoni ta' sahra minghajr kontroll, ma dan kien hemm issues ohrajn.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li riedet li ggib l-ordni fejn jirrizulta illi kien hemm id-dizordni u bhala parti mill-process il-management iddecieda, li fil-waqt li r-rikorrenti zzomm il-pozizzjoni taghha bhala Roster Coordinator pero tmur taghmel xoghol simili fl-isptar SVPR ghax il-management emmen, li tali problemi jistghu jigu mnaqqsa jew eliminati meta wiehed jahdem go team u mhux jahdem ghall rasu.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li din ma kienitx mizura ta' dixxiplina tant, illi ma ttiehdu ebda proceduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li din il-mizura ghalkemm ir-rikorrenti setghet tilfet xi allowances u dan peress li x-xoghol li bdiet tghamel ma kienx jintitolha ghal dawn allowances pero l-paga taghha ma gietx mittiefsa.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li wara ftit granet ir-rikorrenti ssottomettiet ir-rizenja taghha volontarjament u harget bis-sick leave matul il-perjodu tan-notice. Is-socjeta tghid ukoll, li ma kienx hemm tkeccija mill-impjieg imma r-rikorrenti rrizenjat mix-xoghol taghha volontarjament.**

**Mill-provi jirrizutla, li r-relazzjoni ta' l-impjieg bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata kien regolat permezz ta' kuntratt ta' servizz indefenit b'sehh mit-30 ta' Gunju, 2016 u skond il-kuntratt ta' servizz giet impjegata fil-grad ta' Health Assistant.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li permezz ta' ittra datata 3 ta' Settembru, 2018 ir-rikorrenti giet infurmatha mill-HR Manager li s-salarju taghha gie revedut u l-ittra kienet tghid :**

**"Further to your contract of employment with the Company, and as a result of a recent evaluation of your work, tasks and responsabilieties, the management has decided that effective retro-actively from the 15th Sepetember, 2018 your salary is revised as follows :**

- **Basic wage €13,080 per annum - paid pro rata monthly.**
- **Finge Benefit € 2,328 per annum – paid pro rata monthly.**
- **Allowance € 1,080 per annum – paid pro rata monthly.**
- **Supervisor Allowance € 1,920 per annum - paid pro rata monthly.**
- **On call allowance € 1,800 per annum – paid pro rata monthly.**

**All other terms and conditons that feature in the original contract of employment shall remain unaltered".**

**Mix-xhieda tas-Sur Alistair Chetcuti li ghandhu l-grad ta' Charge Nurse f'Mount Carmel jghid, li r-rikorrenti kienet supervisor u kienet tiehu hsieb il-placement tan-nurses fil-ward li kien jiehu hsieb hu.**

**Fix-xhieda tieghu jghid ukoll li kien jaf, li r-rikorrenti kienet ghaddiet minn perjodu ta' stress qawwi ghax meta gieli kien icempillha kienet tinhass li ghandha stress qawwi. Huwa jghid wkoll, li minn meta r-rikorrenti telqet mix-xoghol, ix-xoghol taghha kienu qed jghamluh tlett supervisors.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Jospeh Pace li jokkupa l-grad ta' Senior Nursing Manager. Fix-xhieda tieghu jghid, li kien jaf lir-rikorrenti ghax kienet tiehu hsieb il-Carers f'Mount Carmel. Huwa jghid ukoll, li kellu kuntatt mar-rikorrenti biex jghidilha l-bzonnijiet ta' Carers li kien jinhtieg.**

**Fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li r-rikorrenti gieli kienet tilmenta mill-pressjoni ta' xoghol u wara li hija telqet mix-xoghol, ix-xoghol taghha kienu qed jghamluh xi erbgha jew hames haddiema.**

**Fix-xhieda taghha ir-rikorrenti tghid li fl'1 ta' Lulju, 2015 meta bdiet mal-kumpanija bdiet tahdem bhala Care Worker. Hija tghid ukoll, li giet**

**moghtija l-grad ta' Supervisor fis-26 ta' Awwissu, 2015 u fit-3 ta' Settembru, 2018 giet moghtija l-inkarigu ta' Snr Supervisor.**

**Fix-xhieda taghha tghid ukoll, li l-ewwel rowl taghha kienet tghamel ix-xoghol ta' Roster Coordinator u Supervisor fil-postijiet ta' Mount Carmel u Mellieha Home u f'din il-kariga kienet tahdem mill-Head Office u fl-ahhar sentejn u nofs ta' qabel ma spiccat mill-impjieg kienet tiehu hsieb madwar 14 il-entita.**

**Hija tghid ukoll, li kienet tibda x-xoghol fil-ghodu kmieni mid-dar u kienet tiehu hsieb tlett mowbajls u x-xoghol kien jinvolvi; ir-rapporti ta' sick leave li jiehdu l-haddiema u tghamel replacement taghhom u meta saret Snr Supervisor, apparti li kienet tiehu hsieb l-allokazzjoni tal-Care Workers kienet ukoll tiehu hsieb in-Nurses.**

**Hija tkompli tghid, li minhabba din il-pressjoni ta' xoghol kien ikollha tahdem overtime u dwar dan kienet tilmenta mal-manager pero ma kienitx issib ghajnuna.**
**Fix-xhieda taghha tghid ukoll, li minhabba l'mgieba tal-General Manager maghha, kienet hakmietha tensjoni li anke affettwat ir-relazzjoni personali taghha u li minhabba din il-pressjoni ta' xoghol kienet dahlet l-isptar darbtejn minn fuq ix-xoghol.**

**Hija tkompli tghid, li darba irnexxielha tghamel meeting mal-General Manager u giet imwieghda li kienet se tinghata ghajnuna ta' zewg**

**clerks, izda meta l-management kien bghatilha persuna ghall-orientation bl'ghan li tilhaq Supervior maghha u biex tghin fil-karti u l-Clerical Work din ma kellix l-iskills neccessarji bir-rizultat li bdiet tahli l-hin maghha.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li meta dahlet l-isptar fis-17 ta' Gunju, 2019 hija giet mitluba mill-General Manager Charlon Farrugia biex tirritorna t-tlett mobiles li kellha sabiex l-ufficcju jkomplu bix-xoghol.**

**Hija tkompli tghid, li meta kienet l-isptar irceviet minghand Charlo Farrugia hafna telefonati b'ghajjat kbir u kliem verament aggressiv ghaliex kien qed ikollhom hafna problemi ta' replacements u ma kellhomx ideja lil minn jistghu jibghatu ghal replacements go l-entitajiet u kif issir l-operazzjoni tax-xoghol.**

**Fix-xhieda tghid wkoll, li meta dahlet lura mis-sick leave fit-8 ta' Lulju, 2019 kien hemm Supervisor ohra fl istess desk li kellha qabel ma harget bis-sick leave u baqghet tistenna l-ufficcju sakemm kelliemha l-General Manager Charlo Farrugia.**

**Hija tkompli tghid, li meta kelliemha l-General Manager kien aggressiv fi kliemu maghha u qallha li kien iddizappuntat u kien irrabjat hafna minhabba li ma setghux isibu irkaptu u beda jghid lill istaff kollu tal-payroll u l-istaff tal-ufficcju biex jiehdu hsieb ix-xoghol li kienet tghamel hi.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-General Manager Charlo Farrugia qallha, li kienet se tigi mnehhija minn Snr Supervisor u nfurmaha wkoll li kienet se tigi trasferita biex tibda tghamel xoghol ta' Supervisor f'San Vincenz.**

**Fix-xhieda taghha tkompli tghid, li fil-bidu ma kienitx se tmur pero marret San Vincenz u mxiet skond l-istruzzjonijiet li ta' l-General Manager.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li f'San Vincenz kienet tghamel xoghol klerikali u damet xahar tahdem hemm sakemm irceviet il-paga u sabet li kellha tnaqqis finanzjarju sostanzjali ghax kienu nehhewlha l-allowances li jammontaw ghal madwar sitt elef ewro fis-sena.**

**Hija tkompli tghid, li din l-azzjoni tal-management interpretata u hasset li kienet tkeccija bil-pulit u dan affetwahha mentalment u kienet fi stat ta' ansjeta li kellha tmur ghall-ghajnuna ta' psikjatra u gie ssuggerit lilha biex tghamel analazi ta' x'inhu ikun l-ahjar ghalija u wara ddecidiet li minhabba sahhietha tirrezenja mill-impjieg.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jirrizulta li r-rikorrenti ma kienitx tokkupa l-grad ta' Snr Supervisor imma kellha l-grad ta' Health Supervisor u kienet tinghata allowance ghax-xoghol li kienet tghamel ta' Snr Supervisor.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Mark Grech li jokkupa l-kariga ta' Operations Manager u jghid, li r-rikorrenti kienet tilmenta mieghu li ghandha hafna xoghol u mhux qed tlahhaq u kien hemm tentattivi biex ihaddmu nies halli jghenu lir-rikorrenti.**

**Huwa jghid wkoll, li r-rikorrenti kienet tghati feedback negattiv lil management fuq il-haddiema godda li kienu jintbghatu jahdmu maghha u kellhom jnehhuhom minn maghha u ghalkemm hija ma kienitx sodisfatta bihom pero wahda minn dawn il-haddiema ghadha tahdem mas-socjeta u hija mpjegata tajba.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jkompli jghid, li meta r-rikorrenti kienet sick bdew isibu problema kbira bhal; biex jikommunikaw mal-impjegati fejn il-mobile taghhom lanqas kien irregistrat fuq s-sistema tal-kumpanija u kien hemm problemi ohra bhal nies li kienu off duty pero immarkati li kienu xoghol u applikazzjonijiet tal-leave ma kienux sorted.**

**Huwa jkompli jghid, li kien jigi avvicinat minn haddiema li kienu ilhom li applikaw ghal leave u l-applikazzjoni taghhom ma kienitx tigi processata u wara kien jipprova jsib l-applikazzjoni tal-leave u b'xi modd kien jipprova jirranga biex jigi approvat. Huwa ddiskriva li kien hemm dizorganizazzjoni li beda jkollha impatt fuq l-operat tal-kumpanija.**
**Is-sur Grech jghid ukoll, li r-rikorrenti kienet f'pozizzjoni illi tipprova kemm jista jkun zzomm ruhha wehidha ghax kienet taf li jekk tidhol persuna ohra l-overtime taghha kien se jonqos.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Ms Solita Azzopardi li tokkupa l-grad ta' Payroll Manager fejn tghid, li l-konnessjoni li kellha mar-rikorrenti kienet li tipprocessa dokumenti li kienet tghaddielha r-rikorrenti u li kienu jirrigwardjaw applikazzjonijiet tal-leave, sick leave, overtime u xoghol relatat mal-pagi tal-haddiema.**

**Hija tghid ukoll, li kien hemm okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti ma kienitx tghaddielha dawn id-dokumenti fil-hin u kienu jinstabu wara li tkun harget il-pagi tal-haddiema bir-rizultat li kien ikun hemm ilmenti mill-haddiema u anke johloq pressjoni ta' xoghol zejjed fuq id-Dipartiment tal-pagi.**

**Hija tghid ukoll li meta r-rikorrenti dahlet l-isptar, hija hadet over l-parti l-kbira tax-xoghol tar-rikorrenti u dan ghar-raguni li hafna mix-xoghol li kienet tghamel ir-rikorrenti kien jippartjeni d-Dipartiment tal-pagi.**

**Ms Azzopardi tkompli tghid, li meta bdew jahdmu x-xoghol tar-rikorrenti bdew isibu sitwazzjonijiet fejn haddiema li kienu mmarkati xoghol fuq ir-roster ma kienux ikunu xoghol imma kienu jkunu bil-leave jew haddiema li jkunu bil-leave imma fir-rejalta kienu jkunu xoghol u anke kienu jsibu li haddiema li jkunu mmarkati xoghol Mount Carmel pero fir-rejalta kienu jkunu xoghol l-Mtarfa Home.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li dan ix-xoghol li kien qed jghamel id-Dipartiment taghha kien xoghol apparti x-xoghol normali u ghaldaqstant holoq pressjoni ta' xoghol fuq id-Dipartiment taghha u kien ghalhekk li gabu Supervisor ohra biex tghamel ix-xoghol li kienet tghamel ir-rikorrenti.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Charlo Farrugia li jokkupa il-kariga ta' General Manager mas-socjeta ntimata. Waqt ix-xhieda huwa pprezenta Dok CF1 fejn hemm spejgazzjoni ta' meta r-rikorrenti giet impjegata fuq kuntratt defenit fl-1 ta' Lulju 2015 bhala Care Worker sakemm fl-1 ta' Lulju, 2016 il-kuntratt taghha gie konvertit ghal wiehed indefenit u bdiet tahdem bhala Health Supervisor.**

**Fix-xhieda tieghu u huwa jirreferi ghall-stess dokument u spjega li r-rikorrenti qabel ma giet trasferita f'San Vincenz kienet tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha mill-ufficcju u meta tidhol is-Sibt u l-Hadd tithallas overtime. Huwa jghid ukoll, li meta giet trasferita bdiet tahdem fuq roster ta' erbghin siegha fil-gimgha mqassma mit-Tnejn sal-Hadd.**

**Huwa jkompli jghid, fir-rigward il-funzjonijiet tax-xoghol taghha qabel ma giet trasferita hija kienet topera waheda u kellha responsabilita ta' 14 il-entita b'numru ta' staff compliment ta' 546 u meta giet trasferita il-funzjonijiet tax-xoghol taghha baqaw l-istess imma flimkien ma zewg haddiema ohra kienet responsabbli ghal operat ta' entita wahda.**

**Is-sur Farrugia jispjega wkoll, dwar l-aspett finanzjarju tar-rikorrenti fejn jghid li l-paga bazika baqghet l-istess. Huwa jkompli jghid, li meta giet trasferita ma baqghetx intitolata ghal Resp. All. u Sup All. pero baqghet intitolata ghal Fringe allowance.**

**Fid-dikjarazzjoni li ghamel jghid ukoll, li peress qabel ma r-rikorrenti giet trasferita kienet tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha u meta tahdem is-Sibt u l-Hadd kienet tkun intitolata ghal overtime pero meta giet trasferita bdiet tahdem hames t'ijiem fuq seba t'ijiem u meta tahdem il-Hdud u festi pubblici bdiet tigi intitolata ghal allowances li qabel ma kienitx intitolata ghalihom.**

**Huwa jghid ukoll, li meta wiehed jikkompara dan l-pakkett finanazjarju fuq perjodu ta' sena kien se jibqa jkollha l-istess dhul finanzjarju u l-unika differenza li kien se jkollha kien biss ta' €150 on call allowance u r-raguni hija li f'San Vincenz ma kienitx se tkun assenjata li tkun on call duty.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Farrugia jkompli jghid, li f'San Vincenz jahdmu b'team ta' tlieta u l-iktar wahda li tkun ilha hemmhekk tissejjah Senior Supervisor imma tghamel l-istess xoghol bhal-ohrjan u l-iskop huwa biex jekk il-management ikollu bzonn li jokkomunika mas-Supervisors minflokk li jirrepeti l-messagg ma kull Supervisor jikkomunika mas-Snr Supervisor u hija tghaddi l-messagg lis-supervisors l-ohra.**

**Huwa jghid ukoll, li originarjament ma kienx hemm ghan li r-rikorrenti tittnehha mix-xoghol li kienet tghamel qabel ma harget bis-sick leave u x-xoghol li kien gie moghti lil supervisor ohra kellu l'ghan li tghamel ix-xoghol temporanjament sakemm ir-rikorrenti terga tidhol mis-sick leave u li kieku ma hax dik id-decizjoni l-operat ta' dik is-sezzjoni li kienet tiehu hsieb ir-rikorrenti kien se jieqaf.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Farrugia jkompli jghid, li d-decizjoni li r-rikorrenti tigi trasferita giet mehuda meta beda jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet fl'operat ta' meta kienet responsabbli r-rikorrenti u li dawn in-nuqqasijet diga saret riferenza ghalihom minn xhieda ohra.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li kif jirrizulta mill-provi r-rikorrenti qabel ma harget bis-sick leave kienet attiva hafna fl'operat tas-socjeta ntimata tant, li kienet tibda bix-xoghol kmieni fil-ghodu mid-dar u peress li kellha pressjoni ta' xoghol kienet ukoll tibqa tahdem overtime wara l-hin normali tax-xoghol u minhabba din il-pressjoni ta' xoghol kienet titlob lill management ghal ghajnuna.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll dak li tghid ir-rikorrenti, li l-haddiema li gew allokati biex jahdmu maghha ma kienux ta' standard li jistghu jghaqdu d-doveri taghhom b'mod efficenti.**

**B'kuntrast ma dak li qed tghid ir-rikorrenti, it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll dak li qal il-management, li ppruvaw jghenu lir-rikorrenti pero milli jidher hi ma kienitx sodisfatta bil-haddiema li kienu jallokawlha ghar-raguni li riedet izzomm kontroll shih u b'dik l-ghajnuna ta' haddiema ohra setghet titlef overtime li kienet qed tghamel u kien ikollha impatt negattiv fid-dhul finanzjarju taghha. Il-management jghid ukoll, li wahda mill-impjegati li r-rikorrenti ghamlet feedback negattiv fuqha ghadha tahdem mas-socjeta ntimata u hija haddiema tajba.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn il-provi jasal ghal konkluzjoni li r-rikorrenti kienet taht pressjoni ta' xoghol u jidher car li x-xoghol li kienet qed twettaq kien jirrikjedi li jkun hemm involviment ta' aktar minn persuna wahda.**

**Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali mill-provi li tressqu quddiemu ma kellux provi bizzejjed biex jikkonferma dak li tghid ir-rikorrenti li l-haddiema li gew assenjati lillha ma kienux ta' standard u lanqas it-Tribunal Industrijali ma seta jikkonferma l-allegazzjoni tal-management li r-rikorrenti ghalkemm kienet tilmenta minn pressjoni ta' xoghol pero ma riedet lill hadd li jahdem maghha biex ma titlifx l-overtime.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll l-azzjoni li ha l-management dik li meta r-rikorrenti harget b'long sick leave hija giet sostitwita b'impjegata ohra biex tghamel ix-xoghol taghha.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett u r-responsabilitajiet li kellha ir-rikorrenti fl'operat tal-kumpanija, dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li d-decizjoni tal-management li jiddelega x-xoghol tar-rikorrenti lill persuna ohra kienet valida ghar-raguni li kien se jieqaf l-operat tal-entitajiet li kienet tiehu hsieb ir-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi meta ir-rikorrenti kienet b'long sick leave beda jirrizulta li kien hemm sitwazzjoni fejn l-operat tal-kumpanija kien ifficcajt b'diversi diffikultajiet u beda jirrizulta; haddiema li kienu bil-leave imma fir-rejalta kienu xoghol, haddiema li kienu jidhru li qed jahdmu f'post tax-xoghol imma fir-rejalta kienu qed jahdmu f'post tax-xoghol iehor kif ukoll, in-numri tal-mobile phones tal-haddiema kienet izzommhom ir-rikorrenti u ma kienux jigu registrati fir-registru tal-kumpanija bil-konsegwenza li meta r-rikorrenti kienet bis-sick leave il-management ma kellux access biex jikkuntattja lill haddiema.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li wara r-rizultat ta' din is-sitwazzjoni r-rikorrenti giet trasferita ghal-lokalita ta' San Vincenz u l-paga bazika taghha ma gietx mittiefsa u fil-waqt li tilfet xi allowances ghax ma baqghetx intitolata ghalihom hija kisbet dhul finanzjarju iehor u mill-provi jirrizulta li l-pakket finanzjarju annwali taghha baqa komparabbli ma dak li kienet iddahhal qabel ma giet trasferita.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-ilment tar-rikorrenti li hija giet demoted minn Snr Supervisor ghal Supervisor. Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-ilment jirrizultalu li l-grad tar-rikorrenti kien ta' Health Supervisor u kienet tinghata allowance ta' Snr Supervisor.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li hemm differenza ta' meta impjegat ikollu grad ta' Snr Supervisor ghal dak li jkun Supervisor u jinghata allowance ta' meta jwettaq xoghol ta' Snr Supervisor liema differenza tikkonsisti, li fil-waqt impjegat bi grad ta' Snr Supervisor ma tistax tnaqqasslu s-salarju tieghu b'kuntrastt ma dan impjegat li jkun Supervisor u jkollu allowance ta' Snr Supervisor jekk ma jibqax iwettaq dmirijiet ta' Snr Supervisor ma jibqax aktar intitolat ghal allowance ta' Snr Supervisor.**

**Invista ta' dak li qed jigi spjegat hawn fuq, ir-rikorrenti ma setghatx tibqa intitolata ghal allowance ta' Snr Supervisor ghax ma baqghetx twettaq xoghol ta' dan il-grad.**

**Ghaldaqstant, dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jikkonkludi wkoll, li l-ilment tar-rikorrenti li kienet giet demoted ma kienx gustifikat ghax hija qatt ma kienet tokkupa l-grad ta' Snr Supervisor izda kellha l-grad ta' Health Supervisor.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll l-ilment tar-rikorrenti li giet trasferita minn fejn kienet tahdem ghal post tax-xoghol iehor. Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li r-rikorrenti kienet impjegata mhux ma lokalita tas-socjeta ntimata imma kienet impjegata mas-socjeta, ghaldaqstant is-servizzi taghha kellhom ikunu disponibbli ghal kull lokalita li l-kumpanija ghanda u setghet tuza s-servizzi tar-rikorrenti skond l-esignezi tax-xoghol li jkollha l-kumpanija. Ghaldaqstant, dan it-trasferiment tar-rikorrenti ghal lokalita ohra tax-xoghol ma sarx bi ksur tal-Ligi.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-kaz kollu huwa tal-fehma, li jista jkun kif qed tghid ir-rikorrenti li dan it-tibdiel kellu impatt negattiv fuq is-sahha taghha pero meta t-Tribunal Industrijali ezamina bir-reqqa dan il-kaz inkwistjoni huwa tal-fehma u jasal ghal konkluzjoni, li t-tibdiel li ghamel l-management kien rizultat ta' l-esigenzi ta' l-operat tal-kumpanija u d-decizjonijiet li ha l-management ma kienux bi ksur tal-ligi.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata giet terminata mir-rikorrenti meta irrezenjat mill-impjieg u ghaldaqstant, it-Tribunal**

**Industrijali jiddeciedi li r-raguni tat-terminazzjoni tax-xoghol kienet rizenja mill-impieg.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19, ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**
**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**(Iffirmata)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Daniela Attard**

**Ghas-segretarja**

**Data : 01.12.2022**